FGURA

Minuti tal-laqgħa 1 tas-seba' Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum it-Tnejn l-1 ta' April, 2013, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-18:32.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Dr. Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku:** | Is-Sur Matthew Vella |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur C. Bonello<br>Is-Sur P. Dalli<br>Is-Sur R. Deguara<br>Is-Sur R. Ellul<br>Is-Sur M. Lombardo<br>Is-Sur J. Zammit<br>Is-Sur R. Zammit |
| **Segretarju:** | Is-Sur C. Cutajar |

Is-Sur R. Deguara qal it-talba.

1.0 **<u>Ħatra ta' Sindku</u>**

1.01 Is-Sur R. Deguara fisser kif skont l-Att Dwar il-Kunsilli Lokali, Dr. Byron Camilleri għandu jkun maħtur bħala Sindku tal-Lokalita'.

1.02 Dr. Byron Camilleri iffirma dikjarazzjoni ta' Aċċettazzjoni tal-Kariga (Ara 'DOK A' fl-hemża).

1.03 Is-Sindku Dr. Byron Camilleri rringrazzja lis-Sur R. Deguara talli presieda fil-bidu tal-ewwel laqgħa tas-seba' Kunsill, filwaqt li ħa postu sabiex jippresiedi matul il-bqija tal-laqgħa.

2.0 **<u>Ħatra ta' Viċi-Sindku</u>**

2.01 Is-Sindku fisser li skont l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, is-Sur Matthew Vella għandu jinħatar bħala Viċi-Sindku.

2.02 Is-Sur Matthew Vella ffirma dikjarazzjoni ta' Aċċettazzjoni tal-Kariga (Ara 'DOK B' fl-hemża).



mayor, vicemayor, councillors & sec. J.

3.0 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.01 Is-Sindku feraħ lill-Kunsillieri kollha li ġew eletti sabiex iservu fil-Kunsill Lokali tal-Fgura. Huwa wera l-apprezzament tiegħu għall-fiduċja u l-appoġġ li sab mill-elettorat.

3.02 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri li bagħat korrispondenza elettronika li fiha talab li jkunu mgħoddija suġġerimenti għal dak li għandu jitwettaq fil-lokalita' matul dan it-terminu.

3.03 Is-Sindku semma' li l-ħsieb huwa li d-dekasteri tal-Kunsillieri matul dan it-terminu jkunu bbażati fuq oqsma u proġetti speċifiċi.

4.0 **Aġġornament**

4.01 Din il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 16 ta' April, 2013, fis-18:30.

Il-laqgħa ntemmet fis-18:45.

Sindku

Segretarju

'DOK A'

Dr. Byron Camilleri
34, 'Casa Camilleri',
Triq il-Misk,
Il-Fgura

L-1 ta' April, 2013

Is-Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali ta' Il-Fgura

Lis-Segretarju Eżekuttiv,

**AĊĊETTAZZJONI TAL-KARIGA**

Jiena, Dr. Byron Camilleri, (Karta ta' Identità Numru 63888M) li noqgħod 34, 'Casa Camilleri', Triq il-Misk, Fgura, permezz ta' din l-ittra qiegħed nikkonferma li qed naċċetta l-kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Il-Fgura .

Dejjem tiegħek,

..................................

Sindku Dr. Byron Camilleri

Data tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali meta ġiet aċċettata l-kariga: L-1 ta' April, 2013

'DOK B'

Is-Sur Matthew Vella
26, Triq tal-Gallu,
Il-Fgura

L-1 ta' April, 2013

Is-Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali ta' Il-Fgura

Lis-Segretarju Eżekuttiv,

**AĊĊETTAZZJONI TAL-KARIGA**

Jiena, Matthew Vella, (Karta ta' Identità Numru 239489M) li noqgħod 26, Triq tal-Gallu, Fgura, permezz ta' din l-ittra qiegħed nikkonferma li qed naċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Il-Fgura .

Dejjem tiegħek,

........................................

Is-Sur Matthew Vella

Data tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali meta ġiet aċċettata l-kariga: L-1 ta' April, 2013